

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar “L-indirizzar tal-problema tal-persuni mingħajr dar”

(2011/C 15/08)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

- huwa tal-fehma li l-fatt li persuna tkun mingħajr dar huwa forma estrema ta' faqar u esklużjoni soċjali, u għalhekk din il-kwistjoni għandha tingħata enfasi akbar fl-istrategġija tal-UE fil-qasam tal-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali. Mhuwiex aċċettabbli li l-UE jkollha rati għoljin ta' persuni mingħajr dar. Is-Sena Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali (2010) hija okkażjoni f'waqtha għas-sensibilizzazzjoni dwar din il-problema persistenti, li hemm il-periklu li tmur għall-agħar fil-kuntast tal-kriżi ekonomika. Naturalment, kull inizjattiva li tittratta din il-problema għandu jkollha perspettiva għal tul ta' żmien li tmur lil hinn mill-2010 u l-kriżi attwali.
- jenfasizza r-rwol kruċjali li jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġjonali f'dak li jirrigwarda t-teħid ta' azzjoni konkreta u soda biex tissielet kontra l-problema tal-persuni mingħajr dar. Huma jerfgħu r-responsabbiltà vera u għandhom ukoll esperjenza konsiderevoli, u f'ħafna każi metodi u programmi li jaħdmu tajjeb li jiffavorixxu ħidma bikrija, serja u fit-tul. Dan iżid il-bżonn ta' tqassim aktar ċar tar-responsabbiltajiet bejn l-awtoritajiet u l-livelli differenti. Fl-istess ħin, huwa tajjeb ukoll li jissemma li l-kwistjoni tal-persuni mingħajr dar tista' tkun ikkonċentrata f'ċerti reġjuni ta' pajjiż jew f'ċerti pajjiżi. Għalhekk, jeħtieġ li jkun hemm mekkaniżmi fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali bil-għan li r-reġjuni li huma partikolarment milqutin minn din il-problema jingħataw appoġġ finanzjarju, anke wkoll fl-interess tal-koeżjoni territorjali u soċjali.

Relatur: Tore Hult (SE/PSE), Viċi President tal-Kunsill Muniċipali ta' Alingsås, l-Isvezja

I. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

kuntest

1. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li mhux possibbli tinkiseb koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, li hija waħda mill-prinċipji fundamentali tal-politika tal-UE, jekk uħud miċ-ċittadini tal-UE huma mingħajr dar u għalhekk m'għandhomx il-mezzi biex jiżviluppaw flivell personali u professjonali. Jenfasizza li l-problema tal-persuni mingħajr dar hija partikolarment gravi għat-tfal u ż-żgħażaġh;

2. huwa tal-fehma li l-fatt li persuna tkun mingħajr dar huwa forma estrema ta' faqar u esklużjoni soċjali, u għalhekk din il-kwistjoni għandha tingħata enfasi akbar fl-istrateġija tal-UE fil-qasam tal-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali. Mhuwiex aċċettabbli li l-UE jkollha rati għoljin ta' persuni mingħajr dar. Is-Sena Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali (2010) hija okkażjoni f'waqtha għas-sensibilizzazzjoni dwar din il-problema persistenti, li hemm il-periklu li tmur għall-agħar fil-kuntest tal-kriżi ekonomika. Naturalment, kull inizjattiva li tittratta din il-problema għandu jkollha perspettiva għal tul ta' żmien li tmur lil hinn mill-2010 u l-kriżi attwali;

3. jemma li l-bażi għad-diskussjoni għandha tkun li l-Istati Membri tal-UE qed jiffaċċjaw problema li tolqothom il-koll. Hija problema li tolqot lill-individwi hu x'inhu l-livell ta' edukazzjoni, l-ambjent kulturali tagħhom jew il-qagħda ekonomika preċedenti tagħhom, u tolqot lill-Istati Membri tal-UE kollha. Għalhekk, hemm bżonn ta' miżuri komuni għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-problema ta' persuni mingħajr dar;

4. josserva li minbarra li n-nuqqas ta' dar joħloq disgrazzji personali kbar, dan iwassal ukoll għal spejjeż soċjali sostanzjali. Jekk in-numru tal-persuni mingħajr dar jitnaqqas, l-ispejjeż soċjali jonqsu wkoll u b'hekk tinkiseb inklużjoni soċjali aktar b'saħħitha, u jithegħeġ l-iżvilupp tal-Ewropa;

5. jenfasizza li l-persuni jispiċċaw mingħajr dar minħabba firxa ta' ċirkustanzi u mhux biss minħabba kwistjonijiet personali;

6. jenfasizza li l-kawżi tal-problema huma taħlita ta' għadd ta' fatturi bħan-nuqqas ta' akkomodazzjoni bi prezzijiet raġonevoli, impjegji b'pagi baxxi, abbużi, nuqqas ta' kura għall-każi ta' abbuż, problemi mentali u mard, vjolenza domestika, qgħad, relazzjonijiet personali problematiċi, faqar, il-ħruġ mill-ħabs u d-dħul lura fis-soċjetà u t-tibdil u t-tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet pubbliċi. Ta' importanza partikolari hija l-imġiba tas-sidien tal-proprietà fil-konfront tal-persuni mingħajr dar u sa liema punt jistgħu jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' mezzi biex dawn il-

persuni ikollhom post li jistgħu jsejħu tagħhom. Biex il-ħidma f'dan il-qasam tirnexxi, hemm bżonn ta' kooperazzjoni u firxa wiesgħa ta' miżuri;

7. josserva li hemm bżonn ta' għarfien sostanzjalment aktar sfiq dwar il-fatturi li jwasslu li l-persuni jkun mingħajr dar u dwar liema huma l-mekkaniżmi li jgħieghlu lil din il-problema tippersisti. Għarfien ta' din ix-xorta jirrappreżenta s-sisien għall-adozzjoni ta' miżuri effettivi fl-oqsma ta' politika differenti;

8. huwa tal-fehma li l-problema tal-persuni mingħajr dar hija serja ħafna u jemma li hemm bżonn ta' ħidma f'għadd ta' livelli – miżuri preventivi u dawk maħsuba għas-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku iżda, b'mod partikolari, miżuri għat-titjib tal-inċentivi favur il-bini tal-akkomodazzjoni;

9. jenfasizza r-rwol kruċjali li jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġionali f'dak li jirrigwarda t-teħid ta' azzjoni konkreta u soda biex tissielet kontra l-problema tal-persuni mingħajr dar. Huma jerfgħu r-responsabbiltà vera u għandhom ukoll esperjenza konsiderevoli, u f'ħafna każi metodi u programmi li jaħdmu tajjeb li jiffavorixxu ħidma bikrija, serja u fit-tul. Dan iżid il-bżonn ta' tqassim aktar ċar tar-responsabbiltajiet bejn l-awtoritajiet u l-livelli differenti. Fl-istess ħin, huwa tajjeb ukoll li jisemma li l-kwistjoni tal-persuni mingħajr dar tista' tkun ikkondcentrata f'ċerti reġjuni ta' pajjiż jew f'ċerti pajjiżi. Għalhekk, jeħtieġ li jkun hemm mekkaniżmi fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali bil-għan li r-reġjuni li huma partikolarment milqutin minn din il-problema jingħataw appoġġ finanzjarju, anke wkoll fl-interess tal-koeżjoni territorjali u soċjali;

10. huwa tal-fehma li waħda mill-kundizzjonijiet ta' strateġija globali bil-għan li tiġġieled kontra l-problema tal-persuni hija li l-istituzzjonijiet tal-UE jsiru aktar attivi biex jipprovd u appoġġ għall-iżvilupp u jsegwu mill-qrib il-miżuri meħuda. Xorta waħda għandu jiġi rispettata il-prinċipju tas-sussidjarjetà u rikonoxxut ir-rwol deċiżiv li jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġionali;

11. huwa tal-fehma li d-dikjarazzjonijiet internazzjonali u l-liġijiet nazzjonali jagħtu xhieda ta' rieda aktar qawwija li lkoll inkunu aktar konxji li l-kwistjoni tal-persuni mingħajr dar hija problema soċjali konsiderevoli. F'għadd ta' pajjiżi, id-dritt għall-akkomodazzjoni huwa minqux fil-kostituzzjoni;

12. huwa tal-fehma li bosta mill-proposti u miżuri deskritti hawnhekk huma bbażati fuq dawn il-prinċipji fundamentali importanti jew oqfsa diġà eżistenti, bil-konsegwenza li l-aktar kwistjonijiet urġenti marbuta mal-persuni mingħajr dar jistgħu jiġu indirizzati mingħajr il-bżonn li jinħolqu strumenti leġislattivi ġodda;

13. josserva li ma teżisti l-ebda definizzjoni komuni fil-livell Ewropew tal-kunċett tal-persuni mingħajr dar, u għalhekk jitlob lill-Istati Membri jużaw kemm jista' jkun it-tipoloġija tal-ETHOS (European Typology of Homelessness and Housing Exclusion). Dan jagħmilha possibbli li jiġu kkomparati s-sitwazzjonijiet u r-riżultati tal-inizjattivi differenti fl-Istati Membri individwali. Id-definizzjoni hija:

- *mingħajr saqaf fuq rashom* (l-ebda tip ta' kenn, il-persuni kkonċernati jorqdu fit-triq);
- *mingħajr domiċilju fiss* (eż. f'akkomodazzjoni temporanja għall-persuni mingħajr dar, hostels, tipi oħra ta' akkomodazzjoni kollettiva għal gruppi speċifiċi ta' nies, akkomodazzjoni ssusidjata, eċċ.);
- *akkomodazzjoni instabbli* (eż. f'postijiet mingħajr kuntratt sigur tas-sullokazzjoni jew mal-familja jew il-ħbieb minħabba li ma jkollhomx dar);
- *akkomodazzjoni ta' standard inferjuri* (eż. f'gorboġ jew barrakka, f'bini mingħajr apparat iġjeniku jew ikkundannat skont il-liġi nazzjonali, f'karavana jew dwejra li hija maħsuba għal abitazzjoni f'ċerti xhur tas-sena biss, jew f'akkomodazzjoni ffullata wisq);

14. jemmen li l-ġlieda kontra l-problema tal-persuni mingħajr dar għandha ssir waħda mill-prijoritajiet fost il-miżuri tal-UE għall-politika tal-inklużjoni soċjali. Fl-2009, il-Kumitat għażel it-tema tal-persuni mingħajr dar u n-nuqqas ta' aċċess għas-suq tad-djar għall-2009 biex jindirizza s-suġġett tas-sigurtà soċjali. B'mod partikolari, is-sena 2010, bħala s-sena tal-UE kontra l-faqar, hija okkażjoni eċċellenti biex issaħħaħ il-ħidma marbuta mal-ġlieda kontra l-aktar forma estrema tal-esklużjoni, il-problema tal-persuni mingħajr dar;

15. jemmen li akkomodazzjoni ta' kwalità tajba u bi prezz raġonevoli hija beni personali primarju u dritt. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jagħmlu minn kollox u jieħdu passi sabiex jgħinu lill-persuni li skont il-liġi nazzjonali għandhom dritt għal dan, biex isibu akkomodazzjoni;

16. minbarra l-konsegwenzi soċjali ovvji li jsufri l-persuni mingħajr dar, jemmen li hemm bżonn li jissemew il-benefiċċji soċjoekonomiċi li jgawdu l-persuni li jkollhom akkomodazzjoni u xogħol;

17. jiġbed l-attenzjoni għall-ispejjeż diretti u indiretti li l-problema tal-persuni mingħajr dar tinvolvi għall-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-Istati Membri. Naturalment, huma importanti ħafna dawk l-ispejjeż diretti f'forma ta' riżorsi speċifiċi jew ġenerali li jridu jintużaw meta xi persuna tkun mingħajr dar. Barra minn hekk, dan jinvolvi wkoll telf fuq id-dħul mit-taxxa marbut ma' impjieg bi qligħ. Fil-qosor, il-problema tal-persuni mingħajr dar iddgħajjef il-pass tal-iżvilupp ekonomiku f'bosta pajjiżi u s-soċjetà sostenibbli fit-tul li nixtiequ noħolqu u li fost affarijiet oħra tisemma fl-Ewropa 2020;

18. josserva li l-istatistika dwar dawn il-konsegwenzi ekonomiċi tiġġustifika l-użu ta' programmi preventivi, li għandhom spejjeż ħafna aktar baxxi meta mqabbla mal-ispejjeż kollha involuti fil-qasam tal-persuni mingħajr dar;

Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tar-Reġjuni

19. huwa tal-fehma li l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu l-importanza ta' din il-problema soċjali u jeħtieġ li ssir aktar ħidma f'dan il-qasam – u li din il-ħidma tissaħħaħ. Waħda mill-kundizzjonijiet fundamentali biex il-ħidma kontra l-problema tal-persuni mingħajr dar tirnexxi hija li jiġu kkoordinati l-inizjattivi tad-diversi livelli involuti (lokali, reġjonali, nazzjonali u intergovernattiv);

20. id-diffikultà ewlenija fil-ġlieda kontra l-problema tal-persuni mingħajr dar hija l-firxa wiesgħa ta' politiki li jeħtieġ jiġu mobilizzati u l-qsim tar-responsabbiltajiet bejn l-awtoritajiet pubbliċi differenti. Biex tkun effettiva, il-ġlieda kontra l-problema tal-persuni mingħajr dar għandha tinkludi, fost affarijiet oħra, il-politika tal-ippjanar urban, il-bini ta' akkomodazzjoni, il-politika soċjali, ix-xogħol u s-saħħa, inkluża s-saħħa mentali. B'hekk, jeħtieġ li jitħeġġu ftehimiet kuntrattwali u territorjali bejn l-awtoritajiet responsabbli għall-finanzjament tal-akkomodazzjoni, għall-ħruġ tal-permessi tal-bini u għall-arranġamenti għall-appoġġ soċjali;

21. jenfasizza li biex is-sitwazzjoni titjieb, iridu jittieħdu miżuri ta' prevenzjoni, jiġu indirizzati l-problemi urġenti u ssir ħidma fuq perijodu twil ta' żmien;

22. huwa tal-fehma li l-għarfien eżistenti fil-qasam tal-persuni mingħajr dar ma jippermettix li jifasslu politiki li jqsu bis-siħ id-diversità kbira tal-persuni mingħajr dar u l-modi differenti ta' kif persuna tista' tispiċċa mingħajr dar. Barra minn hekk, is-sistemi biex dawn il-persuni jiġu megħjuna sikwit iwasslu biex l-individwi jinqasmu f'kategoriji artifiċjali skont il-profil tal-individwu. L-opportunitajiet tal-persuni mingħajr dar għall-parteċipazzjoni attiva tagħhom fil-ħajja soċjali tintlaqat b'mod ħażin minn dan in-nuqqas ta' għarfien;

23. iqis li issa jeħtieġ li mmorru lil hinn minn din il-viżjoni billi jiġi adottat approċċ uman u personalizzat, ibbażat fuq l-esperjenza ta' kull individwu, bil-għan li jingħataw soluzzjonijiet adatti. Dan l-approċċ ifisser li l-azzjonijiet għall-ġlieda kontra l-problema tal-persuni mingħajr dar għandhom jiġu implimentati kemm jista' jkun qrib il-persuni kkonċernati. Għaldaqstant, l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom rwol essenzjali x'jaqdu;

24. għaldaqstant, iqis li jeħtieġ li jiġu ottimizzati u żviluppatti l-għodod statistiċi. L-armonizzazzjoni tad-data fil-livell Ewropew għandha titħeġġeġ billi tiġi estiża l-ħidma fir-rigward tat-tipoloġija tal-ETHOS u b'mod aktar ġenerali billi jiġu appoġġjati l-approċċi komparattivi bejn l-Istati Membri. Jeħtieġ ukoll li titħeġġeġ ir-riforma tal-għodod attwali biex jiġu promossi l-approċċi skont l-esperjenza tal-ħajja bil-għan li jiġu kkunsidrati r-raġunijiet li wasslu lill-persuni jispiċċaw mingħajr dar u li joħolqu fenomenu ta' ħruġ mill-problema segwit mir-ritorn għall-problema u jikkontribwixxu għas-soluzzjoni definittiva tal-problema;

25. jitlob lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jniedu xogħol bi sħab fuq skala wiesgħa u koordinazzjoni fil-livell istituzzjonali fid-diversi oqsma biex itejbu l-miżuri globali u l-monitoraġġ tal-ħidma kontra l-problema tal-persuni mingħajr dar. Hemm bżonn ta' ħidma bi sħab fit-tul bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali differenti u strateġiji fit-tul, li flimkien jistgħu jeqirdu din il-problema u l-kawżi tagħha għaliex mhumiex biżżejjed miżuri għal żmien qasir jew temporanji;

26. josserva li, fil-biċċa l-kbira tagħhom, l-Istati Membri la għandhom data uffiċjali affidabbli fil-qasam tal-persuni mingħajr dar u lanqas data li tiddekrivi l-miżuri li għandhom jittieħdu biex il-problema tal-persuni mingħajr dar tiġi ttrattata b'suċċess. Jitlob lill-Istati Membri biex permezz ta' ħidma bi sħab fil-livell tal-UE jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' strateġija gobali u uniformi fil-qasam tal-persuni mingħajr dar u mbagħad jagħmlu mod li t-tfassil tagħha fil-livell nazzjonali jagħti l-frott mixtieq;

27. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li waħda mill-kundizzjonijiet fundamentali biex individwu jkun jista' jidħol fiż-żgur fl-ambitu soċjali u fis-suq tax-xogħol hija li jkollu akkomodazzjoni, li hija beni personali primarju. Għalhekk, jitlob lill-Kummissjoni tanalizza aktar mill-qrib il-prinċipju dwar id-dritt għal akkomodazzjoni adegwata u kif dan id-dritt jista' jiġi fformulat;

28. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li hemm bżonn ta' sforzi qawwija fil-ġlieda kontra l-problema tal-persuni mingħajr dar. Hemm bżonn ta' perspettiva politika komuni kontra din il-problema b'mod li jsiru t-tħejjijiet meħtieġa għall-ħidma fil-ġejjieni. Min-naħa l-oħra, jeżisti l-periklu li dawn l-isforzi jkunu frammentati u ma jiġux ikkoordinati kif imiss. Il-ħidma li diġà qed issir f'bosta muniċipalitajiet u reġjuni għandha tissaħħaħ u titwessa'. Hemm bżonn ta' mudelli u metodi nazzjonali u internazzjonali fil-ġlieda kontra l-problema tal-persuni mingħajr dar. Bil-għan li tittieħdu azzjoni komuni, huwa importanti ħafna wkoll li jittieħdu miżuri ġenerali bil-għan li ċ-ċittadini jiġu ssensibilizzati dwar din il-problema u biex l-għarfien dwarha jiżdied;

29. jenfasizza l-bżonn li s-soċjetà tiġġieled kontra l-fehma fis-soċjetà li huma l-persuni mingħajr dar innifishom li għandhom jersgħu r-responsabbiltà tal-qagħda tagħhom. Hemm bżonn li tingħata stampa aktar bilanċjata tal-kawżi ta' din il-problema u li jiġu analizzati l-konsegwenzi tagħha għas-soċjetà. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri biex toħloq din l-istampa aktar bilanċjata;

30. jitlob lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jikkunsidraw id-dritt għall-akkomodazzjoni fost il-beni personali primarji, u jieħdu sehem fir-riċerka li ssir f'dan il-qasam, u fil-monitoraġġ u l-ispejjeż marbuta miegħu. Iż-żieda fl-għarfien f'dan il-qasam tirrappreżenta l-bażi għall-azzjoni meħuda u l-miżuri preventivi li jagħmluha possibbli li jiġi evalwat jekk il-ħidma li twettqet kinitx effettiva.

31. josserva li l-għarfien kollu li nġabar s'issa jidher li huwa iżolat ħafna u l-awtoritajiet pubbliċi ma jużawhx biżżejjed. Hemm bżonn li jtfassal pjan strateġiku dwar kif l-informazzjoni għandha tilħaq il-livell adatt;

32. jemmen li l-argumenti ekonomiċi fil-ġlieda kontra l-problema tal-persuni mingħajr dar għandhom jiġu żviluppatti aktar. Għandu jkun possibbli li s-sena d-dieħla jitħejjew bosta

rapporti ġodda. B'hekk, iż-żieda fl-għarfien tkun tista' twitti t-triq għal aktar ħidma;

33. jipproponi li tinholq sistema dewwiema fil-livell tal-UE biex jiġu identifikati metodi tajbin. Jenfasizza bil-qawwa l-bżonn li jsir skambju tal-aħjar Prattika bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali fir-rigward ta' ħidma marbuta maż-żieda fl-għarfien, il-miżuri preventivi, l-edukazzjoni tal-persunal u l-appoġġ immirat li jingħata lill-gruppi differenti fi ħdan il-persuni mingħajr dar;

34. huwa sodisfatt ħafna bl-inizjattivi u l-proġetti implimentati mill-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-qasam tal-ġlieda kontra l-problema tal-persuni mingħajr dar, iżda fl-istess ħin josserva li l-iskambju tal-aħjar Prattiki jrid jissaħħaħ. Dan jista' jsir permezz ta' programmi kwalitattivi għall-iskambju ta' persunal li jaħdem b'mod dirett mal-persuni mingħajr dar fl-Istati Membri differenti. Dan it-tip ta' programm irid jingħata biżżejjed riżorsi finanzjarji u għandu jkun jista' jitbiddel ftip ġdid ta' servizz għall-iskambju fi ħdan l-UE;

35. jenfasizza l-bżonn li jkun hemm konnoxxenza aħjar tal-qasam u l-istrutturi tal-persuni mingħajr dar fi ħdan l-UE. Pereżempju, ikun utli li d-data titqassam skont is-sess, l-età, in-nazzjonalità, il-kundizzjonijiet soċjali u indikaturi importanti oħra. Mingħajr din l-informazzjoni, ikun diffiċli li jitnedew l-istrateġiji ekonomiċi u soċjali meħtieġa biex tisewwa l-problema tal-persuni mingħajr dar. Il-Kumitat jirrakkomanda li l-istatistika tibni fuq id-definizzjoni tal-FEANTSA għall-persuni mingħajr dar. Fil-fehma tal-Kumitat, hija ħaġa minn awl id-dinja li l-Kummissjoni terfa' din ir-responsabbiltà mill-aktar fis possibbli;

36. huwa tal-fehma li l-fatt li persuna tkun mingħajr dar huwa ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u d-dinjità umana ta' kull wieħed u waħda minna u tad-dritt li kullħadd ikollu kontroll fuq haġtu peress li dan jolqot beni personali primarju. Din il-problema hija partikolarment serja għat-tfal li sikwit ma jkollhom l-ebda possibbiltà jtejbu l-qagħda tagħhom. Għalhekk, jeħtieġ li l-Kummissjoni tanalizza l-kundizzjonijiet fi ħdan l-Istati Membri sabiex dawn jintroduċu xi tip ta' garanzija fil-livell nazzjonali fir-rigward ta' kif jistgħu jabolixxu l-problema tat-tfal taħt it-18-il sena li jkunu mingħajr dar. Għandha ssir valutazzjoni dwar jekk il-persuni b'diżabbiltà għandhomx jiġu inklużi f'dispożizzjonijiet ta' dan it-tip;

37. itenni li ma nistgħux nenfasizzaw biżżejjed il-fatt li n-nuqqas ta' akkomodazzjoni hija problema fiha nnifisha. Ir-riżultati tar-riċerka Housing First għandu jkollhom impatt akbar, bil-kundizzjoni li flimkien mal-offerta ta' akkomodazzjoni l-persuna mingħajr dar għandha tingħata l-appoġġ li għandha bżonn biex jiġu indirizzati problemi oħra marbuta mas-sitwazzjoni tagħha;

38. jemmen li għandhom jittieħdu azzjonijiet speċifiċi u jitnedew kampanji ta' informazzjoni fil-konfront tas-sidien tal-proprietà. Wieħed mill-prinċipji fundamentali fil-ġlieda kontra l-problema tal-persuni mingħajr dar għandu jkun il-kunċett tad-dinjità tal-bniedem u x-xewqa ta' kull individwu li jtejjeb il-qagħda tiegħu u jikkontribwixxi għall-iżvilupp soċjali. Is-sidien tal-proprietà huma partikolarment importanti fir-rigward tal-isforzi li jittieħdu kontra n-nuqqas tal-akkomodazzjoni. Għandhom jinħolqu inċentivi biex il-persuni mingħajr dar tingħatalhom akkomodazzjoni;

39. jgħbed l-attenzjoni għall-fatt li għandha tingħata importanza akbar lit-tagħlim u t-titjib tal-ħiliet fost dawk il-persuni li jaħdmu fil-qasam tal-persuni mingħajr dar. Fil-pajjiżi li jipprovdu taħriġ speċjali għall-impjegati fl-iskejjel, fis-sistema għudizzjarja, fis-sistema tas-saħħa u tas-saħħa mentali, fis-servizzi soċjali u l-pulizija, sar progress fir-rigward tat-tisħiħ tal-azzjonijiet kontra l-problema tal-persuni mingħajr dar sa minn fażi bikrija. Fil-perijodu li jmiss, il-Fondi Strutturali għandhom jipprovdu aktar riżorsi sabiex dan il-għan jintlaħaq;

40. jenfasizza l-importanza tal-ħidma preventiva li jwettqu l-awtoritajiet lokali u reġjonali, iżda jrid ikun hemm ukoll soluzzjonijiet ta' emerġenza. Għandu jkun possibbli li tiġi pprovduta akkomodazzjoni temporanja. Iżda, xorta waħda mhuwiex aċċettabbli li l-persuni mingħajr dar jinqabdu f'sistema li tipprovdilhom biss kenn temporanju. Ċerti pajjiżi adottaw strateġija bil-għan li jingħalqu l-postijiet kollha li jipprovdu kenn temporanju għall-persuni mingħajr dar. Minflok, dawn il-persuni jiġu pprovduti b'soluzzjonijiet li jissodisfaw il-ħtiġijiet partikolari tagħhom; f'dan ir-rigward, huwa assolutament importanti li jiġu evitati l-evizzjonijiet;

41. huwa tal-fehma li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jipprovdu appoġġ aktar effettiv lis-settur tal-volontarjat fi ħdan is-soċjetà. Il-problema tal-persuni mingħajr dar hija waħda strutturali u politika li titlob impenn mill-awtoritajiet pubbliċi kollha, iżda s-settur tal-volontarjat jaqdi rwol importanti. Irid jiġi kkunsidrat kif l-UE tista' tagħmel mod li l-organizzazzjonijiet volontarji jaqdu rwol aktar prominenti. Is-Sena Ewropea tal-Volontarjat (2011) għandha tintuża bħala opportunità biex ikun hemm sensibilizzazzjoni u jiġu mistħarrġa forum ġodda ta' kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet volontarji dwar din il-kwistjoni importanti;

42. jirrakkomanda li jitnedew programmi ekonomiċi speċjali fil-livell tal-UE bil-għan kemm li jsaħħu l-azzjonijiet nazzjonali u lokali/reġjonali kontra l-problema tal-persuni mingħajr dar kif ukoll jiżviluppaw il-kriterji ta' kwalità. L-iskambju tal-esperjenza jrid jitħeġġeġ biex isir l-aħjar użu mir-riżorsi. Għalhekk, jirrakko-

manda li l-fondi Ewropej futuri jqisu din il-kwistjoni b'aktar reqqa;

43. jipproponi li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jingħataw il-possibbiltà jħejju programmi favur l-integrazzjoni tal-persuni mingħajr dar fis-soċjetà u fil-ħajja tax-xogħol permezz tal-ħolqien ta' inċentivi maħsuba biex min iħaddem jipprovdilhom impjieg. Bl-istess mod, l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jippromovu l-integrazzjoni permezz ta' inizjattivi ta' taħriġ bil-għan li l-persuni mingħajr dar ikollhom pożizzjoni aktar soda fis-soċjetà. L-esperjenzi tajbin li diġà qed jinkisbu f'dan il-qasam għandhom jingħataw aktar prominenza;

44. Il-miżuri bil-għan li tiġi promossa l-informazzjoni dwar il-persuni mingħajr dar għandhom jiġu implimentati b'mod aktar strutturat;

45. jipproponi li jitwaqqaf ċentru Ewropew li jindirizza l-problema tal-persuni mingħajr dar. Qed jiġi propost li dan iċ-ċentru jsir il-korp ta' koordinazzjoni li attwalment ma jeżistix. L-aktar kompituri prinċipali jkun wieħed ta' koordinazzjoni iżda għandu jaħdem ukoll favur l-iżvilupp tal-għarfien u strateġiji komuni. Nixtiequ nħeġġu lill-Kummissjoni Ewropea teżamina l-possibbiltajiet li jitwaqqaf uffiċċju ta' dan it-tip li jkun responsabbli wkoll għall-monitoraġġ tal-qagħda tal-persuni mingħajr dar fl-Istati Membri. Iċ-ċentru għandu jaqdi rwol ta' koordinazzjoni u ta' appoġġ lir-riformi fi ħdan l-Istati Membri, pereżempju permezz ta' skambju tal-aħjar prattiki. Il-ħidma fil-livell Komunitarju tipprovdur valur miżjud jekk isir użu mill-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni għall-Protezzjoni Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali;

46. huwa tal-fehma li l-problema tan-nisa mingħajr dar qed tiżdied b'mod kontinwu, u li s-sitwazzjoni partikolarment vulnerabbli tan-nisa mingħajr dar għandha titqies fl-aspetti soċjoekonomiċi tagħha u dawk relatati max-xogħol kif ukoll fid-dawl tal-problemi li għadhom jeżistu relatati mal-aċċess għas-servizzi. Din il-kwistjoni trid tiġi indirizzata speċifikament mill-Istati Membri.

Brussell, 6 ta' Ottubru 2010.

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
Mercedes BRESSO